A.L. 16 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering and Architecture (Honours) - B.E.&A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering and Architecture (Honours) - B.E.& A.(Hons).

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Arkitettura u l-Inġinerija Ċivili;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Engineering and Architecture (Hons) - B.E. & A. (Hons); u

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Engineering and Architecture (Honours) - B.E. & A. (Hons).

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali tal-kors imniżżla hawn taħt:

(a) għaddew mill-Eżami fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata bi grad Ċ jew aħjar:

(i) fil-Matematika Pura, jew fil-Matematika Applikata; u

(ii) fil-Fiżika

u

(b) għaddew minn wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin fil-Livell tal-Matrikola Intermedju: Matematika Applikata (Mekkanika), Arti, Kimika, Computing, Engineering Drawing u Graphical Communication, Storja, Teknoloġija Informatika, Filosofija, Matematika Pura, Soċjoloġija.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' ħames snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors jikkonsisti f'żewġ partijiet:

(a) L-Ewwel Parti tikkonsisti fl-ewwel tliet snin tal-Kors u għandha tkun komuni għall-istudenti kollha; u

(b) It-Tieni Parti tikkonsisti fir-raba' u l-ħames sena tal-Kors u tikkonsisti f''taqsimiet studju obbligatorji u elettivi.

6. (1) It-taqsimiet studju elettivi jkunu miġbura fi gruppi skond l-aspetti ta' l-Arkitettura u d-Disinn Urban jew tal-*Building and Civil Engineering* li l-istudenti jagħżlu li jistudjaw aktar fil-fond.

(2) Il-programm jinkludi mill-anqas grupp wieħed ta' taqsimiet studju elettivi fl-Arkitettura u / jew fid-Disinn Urban u mill-anqas grupp wieħed ta' taqsimiet studju elettivi fil-Building Engineering u / jew fl-Inġinerija Ċivili f'kull semestru tar-raba' sena u fl-ewwel semestru tal-ħames sena.

(3) L-istudenti jiġu mitluba jagħżlu grupp wieħed ta' taqsimiet studju elettivi f'kull wieħed mit-tliet semestri, sakemm l-għażla ta' l-istudenti tkun suġġetta għall-approvazzjoni tal-Bord.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati li jkun ġab f'kull sena tal-Kors li jingħataw piż skond il-kriterji li ġejjin:

Il-Mark Medja ta' l-Ewwel Sena	10%
Il-Mark Medja tat-Tieni Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	15%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	25%
Il-Mark Medja tal-Ħames Sena	40%.